Iġġarrfu l-Amerija, l-iskola tal-Gvern, u bosta bini ieħor.

Marija Pisani—ta' 27 sena—u tliet uliedha, ta' bejn sena u nofs u ħames snin, intradmu l-Birgu f'dar fejn kienu qed jieħdu kenn, u tilfu ħajjithom l-erbgħa. Min jaf x'ġarrab żewġ dik l-im-sejkna—Ġużeppi—suldat f'riġment tal-Maltin, meta waslitlu aħ-bar hekk qalila!

Tnejn min-nies oħra, mara u raġel, indarbu sewwa u wara mietu. Għadd ta' nies indarab ħafif. Kien hemm, bħalma ġa għid-na qabel f'dawn it-tifkiriet, min ħelisha tassew b'miraklu.

Wieħed minn dawn kien Ċikku Casaletto, minn l-Isla. Dan ma marx jieħu kenn xħin saffru s-sireni. Xħin in-nar beda jżid u sema' ħoss il-bombi fil-qrib, qatagħha li joħroġ mid-dar u jmur f'xelter. Waqt li kien qed jiftaħ il-bieb ta' barra, niżlet bomba fuq daru sewwa. Ġarrfet in-naħa ta' wara tad-dar, ġiet fuq sodda fil-kamra fejn qabel kien hu, faqgħet il-qiegħa ta' l-art, baqgħet neżla f'bir mimli ilma; u ma xkattatx. U Casaletto ħelisha b'qat-għa kbira biss.

It-tarzna ġarrbet xi ħsara, skond l-aħbar uffiċjali. Kif jista' jkun li le!

Min inqabad f'dan il-ħbit, twerwer. Dawk li kienu niżlu mill-irħula biex iqattgħu l-jiem tal-festa fl-Isla jew fil-qrib, reġ-għu lura lejn djarhom ħin bla waqt, b'demmhom imħassar.

F'dan il-ħbit it-Taljani tilfu *bomber*. Intlaqat mill-kanuni tal-artillerji Maltin, niżel il-baħar u għereq b'erbgħa min-nies fuqu.

Nhar l-Erbgħa li għaddew, 4 ta' Settembru, 1940, ħadt aħ-bar li ftit hawn min jaf biha, u li ħassbitni sewwa. Filgħodu kel-lna taqbida qrib Malta, bejn ajruplani Taljani u Ingliżi. L-Ingli-żi qalu li t-Taljani marru minn taħt, tilfu *bomber* u aktarx żewġ ajruplani tal-ġlied.

Fis-sitta ta' filgħaxija reġgħu saffru s-sireni.

Minn fuq il-bieb tad-dar tiegħi, rajt seba' ajruplani, li ħsibt-hom Taljani, neżlin għal rashom, wieħed wara l-ieħor, x'imkien lejn ix-xlokk tal-Gżira. Billi f'dak il-waqt kien qed isir sparar qawwi fuqhom, ħsibt li ġew milqutin ilkoll mita rajthom jgħoddsu dritt ġo l-art. Iżda ma kienx hekk.

Smajt il-ħoss tal-bombi jixkattaw, rajt sħab ta' trab fl-ajru, u ftit wara, ilmaħthom telgħin qisħom isqra, ħfief u lventi, wieħed wara l-ieħor: u bit-tiri kollha li kienu qalgħu reġgħu marru mnejn ġew.



L-għada ħadt l-aħbar li dawn kienu l-imsemmijin makni Ġer-maniżi *Stukas*—ajruplani hekk imsejħin *għaddasa*—ħfief daqs tal-ġlied, jerħu l-bombi u jiġġieldu; u jimxu kemm iridu.

Tgħid bdew resqin lejna l-Ġermaniżi? Hawn "il-post" fejn naħdem jien, ma jaħsbuhiex hekk. Igħidu li aktarx il-bdoti ta' dawn l-*Istukas* kienu Taljani, imħarrġin mill-Ġermaniżi.

Xi nofs siegħa ilu—għal ħabta ta' l-*Ave Maria* jew ftit qabel —il-ġeneral Sir William Dobbie, Gvernatur ta' Malta, qal erba' **kelmiet sbieħ fuq ir-*Rediffusion*** biex ifakkar dan il-jum storiku. Xebbaħ in-niket u d-dwejjaq u l-qlubija ta' Missirijietna **fl-1565**, ma' dawk tagħna tal-lum. Heġġeġ lil kulmin kien qed jisimgħu **biex jagħmel ħiltu, sakemm negħilbu dawn iż-żmenijiet koroh u l-egħdewwa li qed jitqabdu magħna; u qal li bil-għajnuna t'Alla l-Imbierek u bit-talb imħeġġeġ tagħna, għad nistgħu naslu biex inrażżnu lil dawn l-egħdewwa u nirbħu.**

**J'Alla jkun hekk!**

---

## SETTEMBRU

### (*Ta'* Wallace Gulia)

Il-lum iż-żmien tal-qamħ li jroxx samrani
Mill-idejn ratba, taħt id-dell tad-dwieli,
Bil-għeneb mimli, tond, bl-inbid sakrani,
Li saff l-għajxien mill-art fil-jiem u l-ljieli.

Il-lum iż-żmien ta' baħar li bil-ħlewwa
Ifexfex fuq il-blat, u bħal jissajja,
Mal-qlugħ li jgħaddi fuq ix-xefaq sewwa,
Mimli bin-nifs, u jaqla' 'l bogħod mill-plajja.

Il-lum iż-żmien ta' qamar li jitbiegħed
Mill-art u jmut qalb il-ħajbur leqqien;
Mistħi, musfar, u qisu jrid jitqiegħed
Fid-dlam ħa jorqod, bgħid mill-ħsieb għajjien.

Irqad u Ħajja! U magħhom qed jitrabba,
Tilmaħ għasfur ipespes ġmiel l-Imħabba!